**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 40 - L-ERBGĦA 27 TA' APRIL 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:52.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi-Sindku (wasal fis-17:56) |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija: | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li kien irċieva e-mail mingħand il-Kunsillier Gaffiero li ta r-raġunijiet talli ma jistax jattendi. Il-Kunsill qies l-assenza tiegħu bħala ġustifikata.

1.2 Kienu is-17:56 u dan il-ħin wasal il-Viċi Sindku.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa numru 39 li saret l-Erbgħa 16 ta' Marzu 2022.** Dawn kienu meqjusa moqrija.

2.2 Il-minuti ġew approvati (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-kommunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Ipproponiet biex il-Kunsill jibgħat l-awgurju tiegħu lill-Ministru, s-Segretarju Parlamentari u l-Kelliem tal-Oppożizzjoni responsabbli mill-Gvern Lokali kif

ukoll lid-Deputati eletti fuq it-12 u l-10 distrett. Lil dawn jitlobhom ukoll li jiltaqa' magħhom. Il-Kunsill qabel.

3.3 Is-Sindku infurmat li meta l-Kunsill jiltaqa' mas-Segretarju Parlamentari jiddiskuti l-kwistjoni tal-*Bye law* tal-*caravans.* Wara, ssir laqgħa mal-Ministru responsabbli, jekk ikun hemm meħtieġ. Apparti l-*Bye law* jiġu diskussi wkoll suġġetti oħrajn.

3.4 Infurmat li se ssejjaħ laqgħa mal-Ministru responsabbli mill-isports biex il-klabb Naxxar Lions jingħataw post fejn joperaw u kif ukoll jingħata grawnd tal-futbol. Hi pproponiet li għal din il-laqgħa jkun hemm rappreżentanti tal-klabb.

3.5 Is-Sindku infurmat li f'Xatt il-Palm Baħar iċ-Ċagħaq qed ibaxxu l-bankina. Dan qed isir biex ikun jista' jsir parkjar ta' vetturi sakemm l-art tiġi żviluppata b'mod permanenti. Il-Kunsillier Brincat informa li l-proġett li kien qiegħed jiġi diskuss mal-Ministeru tat-Turiżmu għad hemm il-ħsieb li jsir iżda jista' jkun li se jiġi indirizzat bħala wieħed mill-proġetti tal-Gvern Ċentrali.

*3.6* Is-Sindku infurmat li bħalissa l-Berġa tinsab magħluqa. S-Sindku kkomunikat mal-Ministru tas-Saħħa kif ukoll mal-CEO tal-Primary Health Care. Hi ġiet infurmata li l-proċess għaddej biex terġa' tinfetaħ għall-pubbliku.

*3.7* Bħalissa qed isiru d-dwal fi Triq il-Fortizza tal-Mosta. Dan qed isir wara insistenza qawwija min-naħa tal-Kunsill minħabba li din it-triq kienet mudlama u ta' spiss kienu qed isiru inċidenti.

*3.8* Infurmat li bħalissa qed isir xogħol ta' tħawwil ta' siġar ġewwa Birguma bypass. Il-Kunsill kien talab lil Ambjent Malta kif ukoll lil Infrastructure Malta biex isiru dawn is-siġar. B'hekk dawn is-siġar jagħtu arja aktar nadifa lil-loakalità.

*3.9* Glad Enterprises Ltd. taw ikel tal-ħut bħala donazzjoni lill-Kunsill. Dan biex il-voluntiera jkunu jistgħu jitimgħu l-ħut li jinsabu fil-funtana tal-pjazza. Is-Sindku rringrazzjat lil Glad Enterprise Ltd. ta' din id-donazzjoni.

*3.10* Is-Sindku kellha laqgħa ma' uffiċċjal tal-Protezzjoni Civili fejn ġie diskuss li jsir taħriġ għall-impjegati tal-Kunsill f'każ ta' nirien fl-uffiċini. Dan it-taħriġ se jkun bil-ħlas. Se jsiru wkoll sessjonijiet ta' informazzjoni edukattivi dwar x'għandu jsir f'każ li jinqala' inċident tan-nar. Dan se jsir għar-residenti kif ukoll għal dawk li jattendu d-*Day Centre*. Dan it-taħriġ se jsir b'xejn. Il-Kunsill qabel.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Għalkemm kienet intbagħatet mistoqsija mill-Kunsillier Spiteri dwar il-mitħna tal-Għaqba, s-SE ma kienx konxju minnha u għalhekk wiegħed li se jfittixha u jwieġeb fil-laqgħa li jmiss. Huwa skuża ruħu mal-Kunsillier Spiteri li min-naħa tiegħu offra li jerġa jgħaddilu l-email.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/40) anness f'appendiċi A.

5.1.2 Lista ta' dħul tax-xahar ta' Marzu anness f'appendiċi B.

5.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Marzu anness f'appendiċi Ċ.

5.1.4 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Marzu anness f'appendiċi D.

5.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti (*nem con)* wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Viċi sindku.

**6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI**

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret it-Tnejn 25 ta' April (anness f'appendiċi E).

6.2 Il-Kunsillier Spiteri staqsa għal spjegazzjoni dwar punt numru 3.3.2 (dwar żvilupp tal-latrina). Is-SE ikkonferma li l-minuti mhux spjegati sew imma aċċertah li dak diskuss u rrakkomandat kien żieda mal-latrina jew żvilupp komplut imma l-latrina tibqa'. Huwa se jirrevedi l-minuti biex jirriflettu aħjar dan (dawn se jkunu annessi kif emendati).

6.3 Il-SE spjega fuq punt numru 5 (dwar addenda għall-kuntratt tal-ġonna). Is-SE informa li l-ispiża tal-meter se tkun tiswa madwar €210 pero' kien għad ma kellux il-kwotazzjoni f'idu. Hu nforma li kien tkellem mal-kuntrattur rigward il-ħlas tal-meter. Il-Kuntrattur però ma jaqbilx li għandu jħallas għal dan.

6.3.1 Il-Kumitat iddiskuta d-dokument tal-ftehim fejn ġie preżentat waqt il-laqgħa tal-Kunsill u dan se jiġi ppreżentat lil Kuntrattur.

6.3.2 Il-Kunsill qabel li l-meter jiġi mħallas mill-Kunsill u l-ispiża tal-pompa tinqasam bejn il-Kunsill u l-Kuntrattur. Il-Kunsill qabel.

6.4 Il-Kunsill approva l-minuti fuq proponiment tas-Sindku sekondata mill-Viċi Sindku.

**7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret it-Tnejn 25 ta' April (anness f'appendiċi F).

7.2 Is-Sindku semmiet dwar it-talba ta' Triq tal-Labour fejn il-PA talbet lil Kunsill għat-talba ta' un/loading fit-Triq tal-Labour.

7.2.1 Il-Kunsill ma qabilx ma din it-talba.

7.3 Il-Kunsill approva r-rapport wara proposta mis-Sindku sekondata mill-Kunsillier Spiteri.

***Dan il-ħin ġie deċiż li tkun sospiża l-aġenda biex il-Kunsill jiddiskuti mal-membri tan-Naxxar Lions Club li kienu preżenti dwar il-problemi li qed jaffaċjaw. Il-ħin kien is-18:37.***

***Fis-18:54 kompliet il-laqgħa.***

8. **RAPPORT DWAR LAQGĦA MAL-IŻVILUPPATURI TAL-PARKEĠĠ TAT-TRADEFAIR**

8.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa li saret il-Ġimgħa 8 t'April 2022** li kienu meqjusa moqrija.

8.2 Il-Kunsillier Spiteri staqsa jekk it-triq li tagħmel man-naħa tal-*counting hall* tistax tinfetaħ minħabba li t-triq ngħatat it-tarmac. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill se jistaqsi lil Perit rigward dan. Il-Kunsill qabel.

8.3 Kopja tal-minuti annessi f'G.

## 9. MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-LOKALITÀ

9.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal**-laqgħa li saret l-Erbgħa 16 ta' Marzu 2022** li kienu meqjusa moqrija.

9.2 Is-SE informa li kull mistoqsija li saret waqt il-laqgħa ġiet mwieġba u dawk it-talbiet li saru waqt il-laqgħa, dawk li jista' jsiru se jsiru.

9.3 Il-Kunsill approva l-minuti (*nem con*) wara proposta mill-Viċi Sindku sekondata mill-Kunsillier Deguara. Dawn huma annessi f'Ġ.

## 10. CHARTER DWAR L-AMBJENT

10.1 Is-SE ippreżenta d-dokument li l-Kunsill kien irċieva minn Flimkien għal-Ambjent Aħjar (FAA).

10.2 Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport u ġie deċiż li, qabel ma jikkommetti ruħu, FAA ikunu mistoqsija dwar x'inhu l-iskop tad-dokument u kif se jintuża.

## 7IL-MIŻURA TAT-TRAFFIKU TA' TRIQ W.M. THACKERAY

10.3 Is-SE informa li l-prova ta' 3 xhur li t-triq tkun f'direzzjoni waħda issa għaddiet.

10.4 Il-Kunsillier Gatt informa li qara l-ilmenti kollha u tkellem mal-Kunsillier Spiteri. L-opinjoni tal-Kunsillier Gatt hi li t-triq terġa' tiġi kif kienet qabel, ċoè li t-traffiku jkun f'żewġ direzzjonijiet. Wara li jitlesta l-proġett tat-tradefair din terġa tiġi kkunsidrata jekk tinħass il-ħtieġa.

10.5 Il-Kunsillier Spiteri staqsa biex il-Kunsill jistaqsi biex jara fejn wasal il-proġett tad-diżabilità fit-Triq Torri tal-Kaptan biex it-triq terġa' tinfetaħ.

10.6 Il-Kunsill qabel mad-deċiżjoni li t-triq terġa' tiġi għal kif kienet dik f'żewġ direzzjonijiet. Il-Viċi Sindku iddikjara li ma jaqbilx mad-deċiżjoni iżda fehem il-ħtieġa li t-triq terġa' tiġi għal kif kienet.

## 11. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

11.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 25 ta' Mejju 2022 fis-17:45.

11.2 Il-Laqgħa ntemmet fit-19:46.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |